MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 360/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Risiott**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marco Risiott talli:

(1) nhar-is 27 ta' Ottubru 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'Ta' Xbiex, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

(2) irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) b'sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta’ April 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Novembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Marco Risiott hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 109, 110(2), 49, 50, 31 u 10 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur oltre ghall-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit f’kull kaz li jkun, u dan ghal perijodu ta’ hames snin. Ordnat ukoll li s-sentenza ta’ kundanna ta’ interdizzjoni tigi debitament pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Marco Risiottipprezentat fil-21 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant jirrigwardaw l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Il-fatti tal-kaz huma pjuttost semplici. L-appellant, li kien jahdem il-Posta, hejja *envelope* li fuq quddiem kiteb il-kliem “AMERICAN EMBASSY MALTA” u fuq wara kiteb xi kliem bl-Gharbi li huwa kkopja minn fuq pakkett tal-helu. Fuq quddiem wahhal bolla tal-Germanja. Go l-*envelope* ghamel *cutting* minn gazzetta lokali u ftit trab li rrizulta li kien *gypsum*. Skond l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, huwa kien se jaghmel cajta lil shabu fuq il-post tax-xoghol billi meta jiftah xkora ta’ l-ittri jghid li sab l-imsemmi *envelope* izda mbaghad jghidilhom li kienet biss cajta. Sadattant marru fl-appartament fejn kien qieghed jghix l-appellant, hutu li sabu l-*envelope* u, billi f’dawk iz-zminijiet kien hemm it-

theddida ta’ l-*anthrax*, infurmaw lill-Pulizija. L-appellant wasal id-dar ftit wara, ra li kien hemm il-Pulizija barra, sab lil hutu d-dar u ddecieda li jqatta’ l-*envelope* u jaqla’ l-bolla li kien wahhal.

L-ewwel Qorti ma qisitx kredibbli “l-iskuza tac-cajta” u kkunsidrat korretta l-osservazzjoni ta’ l-ufficjal prosekutur li “l-azzjoni xejn tac-cajt ta’ Risiott trid ukoll tittiehed fil-kuntest ta’ l-isfera politika li fiha saret meta kien ben risaput il-paniku u tensjoni li tali allegazzjonijiet ta’ *anthrax* kienu qed jikkagunaw, anke u sahansitra fuq livell internazzjonali.”

L-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma accettatx l-ipotesi ta’ cajta. Jghid li l-fatt li huwa ha l-briga li jikkopja xi kliem bl-Gharbi u wahhal bolla fuq l-*envelope* ma humiex bizzejjed biex jikkonnettuh ma’ l-imputazzjoni dedotta stante li r-reat addebitat ma jissussistix. Huwa kien impjegat mal-Maltapost u allura huwa verosimili li tigih ideja dwar cajta bhal din fuq shabu. Rigward il-kliem Gharbi, l-ewwel Qorti stess accettat li kienu kkupjati minn fuq pakkett tal-helu “biex jaghti lil din ic-cajta bixra reali”. Izda, jghid l-appellant, l-akkuzati  ma jigux misjuba hatja skond il-“bixra”, cioe` jekk kinitx reali jew le, izda skond l-*animus*, ossia jekk kienx hemm *mens rea* jew le. F’dan il-kaz zgur ma kienx hemm, kif jirrizulta minn dak li qal fl-istqarrija tieghu. L-intenzjoni tieghu, isostni l-appellant, kienet biss li jaghmel cajta fuq shabu tax-xoghol u ghalhekk ma kienx hemm l-intenzjoni rikjesta mill-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali.

L-appellant ikompli jissottometti fir-rikors ta’ appell tieghu:

“2. Illi l-konkluzjoni ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti illi huwa ddistrugga l-envelope ‘darba li giet a konoxxenza tal-Awtoritajiet kompetenti’ hija zbaljata. L-esponent kien diga’ rema u qatta l-envelope fid-dustbin, izda ohtu meta rat l-envelope allarmat ruhha u sejhet lill-Awtoritajiet. Izda dan ma jfissirx li l-esponent kellu l-hsieb li jikkommetti reat. Huwa ma holoq l-ebda tracci ta’ reat.

"3. Illi stante li hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-*onus probandi*, jispetta lill-prosekuzzjoni li tipprova li mhuwiex minnu li l-esponent kien *sua sponte* biddel il-hsieb tieghu li jaghmel c-cajta lil shabu fuq ix-xoghol. Dan ma ghamlitux. Il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li mhux minnu li l-esponent minn rajh iddecieda li ma jkomplix bic-cajta.

"4. Anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument u mhux ghax hu hekk, kellu jigi meqjus li l-prosekuzzjoni ppruvat dan (certament mhux il-kaz), il-hsieb ta' cajta qatt ma jista' jigi kkonvertit fi hsieb li wiehed jikkommetti reat. *Actus non facit reum nisi mens sit rea*. Tista' tghidilha cajta goffa, forsi anke cajta li tista' ggib l-ghawg, izda ma tistax taqsam il-foss u tghid li hija **'cajta doluza'**, ghaliex din ma tiffigurax fil-Kodici Kriminali taghna. Dan ghalhekk ma jistax ikun ragunament korrett.

"5. L-Ewwel Qorti rriferiet ghal 'l-iskuza tac-cajta' u rrimarkat li 'hija wahda ghal kollox dghajfa u ghal xejn kredibbli'. Izda din hija l-verita` u, barra hekk, hija sorretta mill-provi li hemm fil-process. F'dan il-kaz, fir-realta` ghandna zewg kwistjonijiet legali: (a) li l-intenzjoni li wiehed jaghmel cajta ma tista' qatt issir intenzjoni doluza; u (b) dan bla pregudizzju ghall-ewwel konsiderazzjoni, li kien hemm dezistenza volontarja.

"6. Ma kinitx l-intenzjoni ta' l-esponent li jinbdew xi proceduri. Fil-privatezza ta' daru l-imputat kellu kull dritt jezercita fuqu nnifsu dezistenza volontarja u ma jkomplix bic-cajta. Jekk anke fil-privatezza tad-dar tieghu, bniedem ma jinghatax id-dritt ta' dezistenza volontarja – semplicement ghaliex ohtu allarmat ruhha u sejhet lill-Pulizija – allura fejn u f'liema cirkostanzi bniedem ghandu d-dritt ta' dezistenza volontarja? Zball fondamentali li hemm fis-sentenza appellata hu, fl-umli fehma ta' l-esponent, li ma hallietx spazju ghal dezistenza volontarja. Bir-ragunament ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti assolutament ma kienx possibbli ghall-esponent li, trattandosi fil-fehma ta' l-istess Onorabbli Qorti ta' agir doluz u mhux ta' cajta, li jbiddel il-hsieb tieghu u jispicca biex ma jihux l-envelope fuq il-post tax-xoghol tieghu. Dan ma jistax ikun ragunament korrett."

Evidentement l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1]

Issa, l-appellant jinsisti illi dak li ried jaghmel kienet biss cajta lil shabu. L-ewwel Qorti qieset din bhala skuza “ghal kollox dghajfa u ghal xejn kredibbli”. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, minn ezami li ghamlet tal-provi, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. L-ewwelnett l-envelope li l-appellant hejja kienet fin-natura u l-bixra taghha intiza biex tidher illi kienet tikkontjeni sustanza (trab) li biha fiz-zmien in kwistjoni kienu gew infettati bl-anthrax (*bacillus anthracis*) – u kien hemm anke min minnhom li miet – cittadini Amerikani. Il-posta kienet il-mezz kif kienet qed

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir- Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

titwassal din is-sustanza. L-appellant jghid li l-intenzjoni tieghu kienet li jaghmel cajta lil shabu. L-ewwel Qorti rreferiet, fil-fehma ta' din il-Qorti korrettement, ghall-fatt li l-azzjoni ta' l-appellant saret fi zminijiet meta "kien ben risaput il-paniku u t-tensjoni li tali allegazzjonijiet ta' anthrax kienu qed jikkagunaw, anke u sahansitra fuq livell internazzjonali." Issa, huwa veru li l-appellant ma lehaqx ha l-envelope mieghu x-xoghol, izda meta hejja l-envelope bit-trab go fih u bil-kitba u anke bolla, huwa kien b'hekk diga` holoq it-tracci tar-reat. Imbaghad huwa certament kien jaf li hutu kellhom access ghar-residenza tieghu u ghalhekk l-envelope seta' jinstab minnhom. Il-fatt li qatta' l-envelope meta ra li kien hemm il-Pulizija u l-Protezzjoni Civili fit-triq juri li l-hsieb tieghu meta ghamel l-envelope ma kienx daqshekk innocenti daqs kemm qieghed jippretendi. Inoltre l-kuncett tad-dezistenza volontarja ghandha applikabilita` meta wiehed jitkellem dwar tentattiv ta' reat. F'dan il-kaz ir-reat kien diga` sehh.

Francesco Antolisei[2] jelenka erba' elementi biex jissussissti r-reat in kwistjoni:

(1) *"La simulazione deve avere per oggetto un reato vero e proprio (delitto o contravenzione)."* Kieku l-kaz kien verament jinvolvi anthrax, kien ikun hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 36 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) *"Il reato non deve essere avvenuto: deve, in altri termini, trattarsi di un reato immaginario."* F'dan il-kaz ma kienx hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 36 peress illi l-envelope kien jikkontjeni biss gir.

(3) *"La denuncia, diretta o indiretta, deve essere tale da poter determinare l'inizio di un procedimento penale…. Si tenga ben presente in proposito che non e` necessario che il procedimento penale abbia avuto inizio: la legge richiede soltanto la possibilita` di tale procedimento."* Il-ligi taghna wkoll tghid li t-tracci jridu jkunu **"b'mod li <u>jistghu</u> jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri lanqas

---

[2] Manuale di Diritto Privato Parte Speciale II pp. 765 -766 (quinta edizione, 1966).

ma huwa necessarju li tali proceduri jinbdew. L-awtur Antolisei jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazjoni fis-sens li *"la Cassazione ha affermato in piu` occasioni essere sufficiente che la falsa notizia determini investigazioni o altri accertamenti preliminari da parte, anche soltanto, della polizia giudiziaria. Ed anzi ha asserito che basta all'integrazione dell'illecito la semplice possibilita` di investigazioni preliminari (Cass. 26 novembre 1963, in Mass. Pen. 1964, m. 699). Ha pure ritenuto che non occorre che la denunzia sia formalmente valida, bastando una qualsiasi narrazione, purche` fatta in modo da rendere non del tutto inverosimile il reato. Vedasi, ad es., Cass. 21 febbraio 1962, in Giust. Pen. 1962, II, 609, 572; Id. 28 febbraio 1958, ivi 958, II, 461; Id. 6 luglio 1957, ivi 1958, II, 61; Id. 16 ottobre 1951, ivi 1952, II, 494."* Fil-kaz in ezami saret inkjesta magisterjali mnejn gie determinat li t-trab fl-envelope kien biss gir.

(4) *"L'ultima condizione e` negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche` altrimenti si avrebbe il delitto piu` grave di calunnia."* Dan l-element huwa sodisfatt ukoll peress illi l-appellant ma nkolpa lil hadd partikolari.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment issib il-htija ghall-ewwel imputazzjoni.

A rigward il-piena, dik inflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi, peress illi l-piena applikabbli skond l-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sena. Jidher pero` li ghal zmien twil l-appellant kellu problema ta' abbuz ta' droga izda mix-xiehda ta' Jean Cali jirrizulta li l-appellant qieghed fi programm ta' rijabilitazzjoni tal-CARITAS billi spicca l-fazi residenzjali f'San Blas u qieghed fil-perijodu ta' *re-entry*. Din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-andament ta' dan il-programm, u dan mhux biss fl-interess ta' l-appellant izda anke fl-interess tas-socjeta`. Peress illi l-piena hija ta' sitt xhur prigunerija, din il-Qorti ma tistax taghmel ordni ta' supervizjoni taht l-

artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fl-istess hin din il-Qorti tqis mehtieg li l-appellant ikollu xi forma ta’ deterrent sabiex b’hekk jittermina l-programm ta’ rijabilitazzjoni, u anke li jkollu xi forma ta’ supervizjoni ghal meta jispicca dan il-programm. Ghalhekk sejra tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tqieghdu taht *probation*, u dan wara li huwa ddikjara li m’ghandux oggezzjoni li joqghod ghall-kondizzjonijiet fl-ordni ta’ *probation* hawn anness.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Marco Risiott ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sitt xhur effettivi, u minflok tqieghdu taht probation a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------